# Animazzjoni tal-Quddies

Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2016

Solennità tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw is-solennità tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Din il-festa tal-lum tħeġġiġna sabiex insiru nixbhu lil din il-familja fil-virtujiet tagħha, speċjalment fl-imħabba.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Sir 3, 2-6. 12-14)

Min tassew jemmen fil-Mulej, jasal biex iħobb lilu nnifsu u lill-familja tiegħu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Kol 3, 12-21)

San Pawl, f'din l-ittra lill-Kolossin, jissuġġerixxi kif għandha tgħix dik il-familja li tpoġġi t-tama u l-imħabba tagħha fil-Mulej.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 2, 13-15.19-23)

Sabiex isalva lill-familja tiegħu, Ġużeppi ried jagħmel dak li Alla qallu jagħmel permezz tal-anġlu li bgħatlu.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-Familja Mqaddsa ta' Nazaret għandha tkun mudell għall-ħajja tagħna. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet diversi tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-għajxien tal-valuri Nsara, fid-dawl tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, jitlob ħidma u sfidi kontinwi. Il-qawwa għal dan kollu tiġina biss minn Ġesù Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.